# FIL-MEWT TA' RUŻAR BRIFFA

*Ta'* P. Valentin Barbara O.P.

Fil-qiegħ tal-qalb, fejn l-aktar hi setgħana,
Fejn l-aktar hi mifruxa s-saltna ħiemda
Tal-ħolm u tax-xewqat, ħalluni ninżel,
Bgħid mill-ħolqien. Hemm, f'dak il-beraħ wiesa',
Fid-dawl ta' xemx li biss joħolqu bħalha
L-erwieħ il-kbar, irrid niġġerra waħdi
Qalb l-oħla tifkiriet, il-ftit li ħajti
Tgħożż fost is-sbieħ, u ruħi mbellha u liebta
Fin-niket kbir tat-telfa ta' nofs ġidha
Tistħajjel fwieħet il-ward li jfisser ismu.

Kien saċerdot ta' Ewterpe, mibgħut minnha
Fil-maqdes tagħha biex bl-inċens ifewwaħ
Xbihatha minquxin, b'sengħa tal-għaġeb,
F'wiċċ il-ħolqien sabiħ li minnu ssaħħar.
Siġar, għoljiet, għejun ħassew il-fwieħa
Tal-bħur minnu maħruq b'qima ta' iben,
U għalenija qabdu l-għanja ġdida
Ta' sebħ minnu minsuġa f'ġenn imħabbtu,
Li ħawi toħroġ minn xofftejn mewwieta.
'Ma x'ħin il-għanja kienet għadha tidwi,
Tofroq iż-żmien u l-wisa' u 'l fuq tittajjar,
Ewterpe, hienja fil-ħolqien ta' ġufha,
Li temm, kif xtaqet hija, il-ħidma tiegħu,
Sejħitlu fil-quċċata ta' l-Olimpu
U qiegħdet b'idha stess ir-rand fuq ġbinu.

'Ma r-randa sbejħa, ukoll jekk qatt ma tinxef,
X'se tiswa lili u lilek, Annabella,

Żewġ djakni, jiena u int, li flimkien miegħu
Ġbarna minn fuq l-artal ta' ħajtu l-weraq
U l-ward li qata' minn ġo l-ġnien ta' ruħu
U bnejna bih il-mafkar dehbi tiegħu?
  Il-frotta tagħha f'fomm l-allat hi benna,
Iżda l-eħrex imrar għalik u għalija!
Mur, mara mnikkta, taffi t-togħma tagħha
Bi dmugħ għajnejk li, jekk int magħha xxebbhu,
Jinżillek ħelu daqs il-għasel Malti.
Jien, issa waħdi wisq aktar minn qabel,
Bi ħsibijieti ngħum fil-baħħ li ħalla,
U nfittex nifhem, jekk xi darba jseħħli,
Għax għandu s-sabiħ jgħib biex jisbieħ aktar.